Nru./No. 21,423
Prezz/Price
€5.76

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 17 ta' April, 2025
Thursday, 17th April, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5365 - 5384
Government Notices ..... *5365 - 5384*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5384 - 5386
Police Notices ..... *5384 - 5386*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5387 - 5464
Employment Opportunities ..... *5387 - 5464*

Avviżi tal-Gvern ..... 5464 - 5465
Notices ..... *5464 - 5465*

Offerti ..... 5465 - 5469
Tenders ..... *5465 - 5469*

Avviżi tal-Qorti ..... 5469 - 5488
Court Notices ..... *5469 - 5488*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 604

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika ġie awtorizzat mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru, ir-rikonoxximent tal-għotja ta' dan l-unur mill-Ordni Sovran Militari u Ospitallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:

Cross Pro Merito Melitensi
L-E.T. Dott. Marisa Farrugia

It-28 ta' Marzu, 2025
COF-575-1962-XV

Nru. 605

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT
FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru IX tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

Is-17 ta' April, 2025

Nru. 606

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

Kostituzzjoni ta' Malta
(Artikolu 96B(1) u Artikolu 100)

Ħatra ta' Maġistrati

IL-PRESIDENT ta' Malta tgħarraf illi wara li fil-31 ta' Jannar, 2025, saret sejħa pubblika mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għal ħatra ta' żewġ maġistrati fil-Qrati Inferjuri ta' Malta, minn persuni eliġibbli għal dawn il-karigi:

Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura mwaqqaf bis-saħħa tal-Artikolu 96 A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, irċieva u għarbel tlieta u għoxrin (23) espressjoni ta' interess li kollha kienu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu 100 (2) tal-Kostituzzjoni.

F'seduta tal-Kumitat, li nżammet is-Sibt, 15 ta' Marzu, 2025, il-Kumitat iggwidat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu

GOVERNMENT NOTICES

No. 604

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honour by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:

Cross Pro Merito Melitensi
H.E. Dr Marisa Farrugia

28th March, 2025

No. 605

PUBLICATION OF ACT
IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IX of 2025 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2025.

17th April, 2025

No. 606

OFFICE OF THE PRESIDENT

Constitution of Malta
(Article 96B(1) and Article 100)

Appointment of Magistrates

THE President of Malta hereby notifies that following the public call issued on 31st January, 2025, by the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector, for the appointment of two magistrates to the Inferior Courts of Malta, from eligible persons for these positions:

The Judicial Appointments Committee appointed in terms of Article 96 A of the Constitution of Malta, received and considered twenty-three (23) expressions of interest all of which were eligible for consideration in accordance with Article 100 (2) of the Constitution.

At a meeting of the Committee held on Saturday, 15th March, 2025, the Committee, guiding itself by the

96 B tal-Kostituzzjoni u bir-regoli u l-linji gwida approvati mill-istess Kumitat, għamel l-evalwazzjoni tiegħu tal-kandidati kollha;

Wara li l-Kumitat iddelibera dwar ir-rakkomandazzjonijiet li huwa dovut li jagħmel lill-President skont l-Artikolu 96 A tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu, 2025, is-Segretarju tal-Kumitat, is-Sur Frankie Mercieca, ippreżentali rapport dettaljat ta' tliet kandidati li fil-fehma tal-Kumitat kienu l-aktar idonei u meritevoli sabiex minn dawn it-tliet kandidati l-President tagħmel l-għażla tagħha a tenur tal-Artikolu 96 A (6) (d).

L-ismijiet tat-tliet kandidati f'ordni alfabetika kienu:

Dr Bianco Ingrid
Dr Borg Galea Monica
Dr Sammut Tanya

Fit-2 ta' April, 2025, għarraft lill-Kumitat li l-għażla tiegħi skont l-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni 96 A (6) (d) kienet:

Dr Sammut Tanya

Sussegwentement, nhar l-Erbgħa, 9 ta' April, 2025, is-Segretarju tal-Kumitat is-Sur Frankie Mercieca ppreżentali t-tieni rapport dettaljat, naxxenti wkoll mis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2025, bl-ismijiet, skont l-Artikolu 96 A (6)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ta' tliet kandidati li fil-fehma tal-Kumitat kienu l-aktar idonei u meritevoli.

L-ismijiet f'ordni alfabetika kienu dawn:

Dr Agius Franco
Dr Bianco Ingrid
Dr Borg Galea Monica

L-għażla minn dawn it-tliet ismijiet, skont l-istess Artikolu 96A (6) (d) tal-Kostituzzjoni, hija ta':
Dr Borg Galea Monica

Billi skont Artikolu 100 (1) tal-Kostituzzjoni, il-maġistrati tal-Qrati Inferjuri għandhom jiġu maħtura mill-President, li taġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit bl-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni; il-President taħtar, f'ordni alfabetika lis-segwenti persuni sabiex iservu ta' maġistrati fil-Qrati Inferjuri:

Dr Borg Galea Monica
Dr Sammut Tanya

dispositions of Article 96 B of the Constitution and its own approved rules and guidelines, evaluated all the candidates;

After the Committee deliberated on the recommendations it is required to make to the President in accordance with Article 96 A of the Constitution of Malta;

On Monday, 24th March, 2025, the Secretary of the Committee, Mr Frankie Mercieca, presented me with a detailed report with the names of three candidates who in the opinion of the Committee were the most suitable and deserving so that from these three candidates the President makes her choice in terms of Article 96 A (6) (d).

The names of the three candidates in alphabetical order were:

Dr Bianco Ingrid
Dr Borg Galea Monica
Dr Sammut Tanya

On 2nd April, 2025, I informed the Committee that my choice in accordance with the same Article 96 A (6) (d) of the Constitution was:

Dr Sammut Tanya

Subsequently, on Wednesday, 9th April, 2025, the Secretary of the Committee Mr Frankie Mercieca presented me with a second detailed report, also resulting from the sitting of 15th March, 2025, with the names, in accordance with Article 96 A (6)(d) of the Constitution of Malta, of three candidates who in the opinion of the Committee were the most suitable and deserving.

The names in alphabetical order were:

Dr Agius Franco
Dr Bianco Ingrid
Dr Borg Galea Monica

The choice from these three names, in accordance with the same Article 96A (6) (d) of the Constitution, is of:
Dr Borg Galea Monica

Whereas in accordance with Article 100 (1) of the Constitution, magistrates of the Inferior Courts shall be appointed by the President, acting on the recommendation of the Judicial Appointments Committee established by Article 96A of the Constitution; the President appoints, in alphabetical order, the following persons to serve as magistrates of the Inferior Courts:

Dr Borg Galea Monica
Dr Sammut Tanya

L-ismijiet tal-kandidati li fl-opinjoni tal-Kumitat kienu idonei u meritevoli u li tressqu għall-għażla tal-President bil-proċedura stabbilita mill-Artikolu 96 A (6) (d) u li skont l-istess Artikolu huwa mistenni li jiġu ppubblikati huma dawk li jidhru aktar 'il fuq f'din l-istqarrija.

B'dan ikun iddikjarat illi l-ħatra ta' żewġ maġistrati skont is-sejħa pubblika maħruġa mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tal-Kostruzzjoni fil-31 ta' Jannar, 2025, ġiet sodisfatta u eżawrita.

Il-President tifraħ lill-ġudikanti ġodda u tirringrazzja lill-membri tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura għax-xogħol siewi u metikoluż li wettqu.

Il-15 ta' April, 2025

Nru. 607

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 132 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-17 ta' April, 2025

Nru. 608

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-21 ta' Marzu, 2025, qed tawtorizza deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tar-rix sa massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Puffinus yelkouan* (Garnija), massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Calonectris diomedea* (Ċiefa) u massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Hydrobates pelagicus* (Kanġu ta' Filfla). Il-liċenzja relatata hija valida minn l-ewwel (1) ta' Mejju, 2025 sat-tletin (30) ta' Novembru, 2025. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzji maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar

The names of the candidates who in the opinion of the Committee were submitted to the President for selection as being the most suitable and meritorious, according to the procedure established by Article 96 A (6)(d) are to be published: these names appear above in this statement.

It is hereby declared that the appointment of two Magistrates pursuant to the public call issued by the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector on 31st January, 2025, has been satisfied and fulfilled.

The President congratulates the new Magistrates and thanks the members of the Judicial Appointments Committee for the valuable and meticulous work they have carried out.

15th April 2025

No. 607

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 132 entitled the Employment and Industrial Relations (Amendment) Act, 2025.

17th April, 2025

No. 608

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 21st March, 2025, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the taking of feather samples from up to hundred sixty (160) specimens from Yelkouan Shearwater *Puffinus yelkouan*, up to hundred sixty (160) specimens from Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea* and up to hundred sixty (160) specimens from European Storm-petrel *Hydrobates pelagicus*. The validity period of the licence shall be from the 1st May, 2025 until 30th November, 2025. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licences issued for this

Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

Is-17 ta' April, 2025

Nru. 609

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-21 ta' Marzu, 2025, qed tawtorizza deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(1)(e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm sa massimu ta' ħamsin (50) eżemplar adult u frieħ mill-ispeċi Żanżarell tat-Tikki (*Muscicapa striata s.l.*) u kampjuni tar-rix sa massimu ta' mitt (100) eżemplar mill-istess speċi inklużi frieħ li jkunu għadhom fil-bejta. Qed jiġi permess ukoll it-teħid ta' frieħ minn din l-ispeċi li jkunu mejta fil-bejtiet għal analiżi ġenetika. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li għandha tkun valida mill-ewwel (1) ta' Ġunju sal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu, 2025. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat sas-sittax (16) ta' Settembru, 2025.

Is-17 ta' April, 2025

Nru. 610

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni il-laqgħa tal-Kumitat Ornis (Malta) li saret fit-2 ta' April, 2025, qed tawtorizza deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a) u (d) f'konformità

purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence.

17th April, 2025

No. 609

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 21st March, 2025, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9(1)(e) to permit the taking of blood samples from up to fifty (50) adult and fledged young specimens of Spotted Flycatcher (*Muscicapa striata s.l.*) and the taking of feather samples from up to hundred (100) specimens from the same species, including pulli. The retrieval of any chicks from the same species that may be found dead in nests shall also be permitted for genetic analysis. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit, which shall be valid from 1st June to 31st August, 2025. The information obtained through this study shall be submitted to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report by not later than 16th September, 2025.

17th April, 2025

No. 610

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the outcome of the meeting of the Malta Ornis Committee held on the 2nd April, 2025, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1)

mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jinqabad ammont limitat ta' Gamiem (*Streptopelia turtur*). Il-liċenzja relatata hija valida mill-21 ta' April, 2025 sal-4 ta' Mejju, 2025, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. L-ewwel sitt (6) Gamiem li jinqabdu jiġu mlibbsa satellite-tag, u dawn jiġu rilaxxati lura fis-selvaġġ malli jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2025. Il-kumplament tal-gamiem jiġi rrappurtat bħala parti mill-kwota nazzjonali għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2025 u introdotti bħala stokk għall-proġett tat-tnissil tal-FKNK. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka sabiex jiġu monitorati u evalwati r-rotot migratorji tal-kampjuni b'satellite-tag, u għal raġunijiet ta' konsanwinità, strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba mis-satellite-tags għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja, segwit minn rapport finali fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-aħħar trasmissjoni tas-satellite-tags.

Is-17 ta' April, 2025

Nru. 611

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni il-laqgħa tal-Kumitat Ornis (Malta) li saret fit-2 ta' April, 2025, qed tawtorizza deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a) u (d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jinqabdu sa tmintax-il (18) Gamiema (*Streptopelia turtur*) għall-iskop li jitwaħħlu satellite-tags fuq dawn l-eżemplari, segwit mir-rilaxx immedjat tagħhom lura fis-selvaġġ. Il-liċenzja relatata hija valida mill-21 ta' April, 2025 sal-4 ta' Mejju, 2025, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka sabiex jiġu monitorati u evalwati r-rotot migratorji tal-kampjuni b'satellite-tag, strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja, segwit minn rapport finali fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-aħħar trasmissjoni tas-satellite-tags.

Is-17 ta' April, 2025

(a) and (d) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit limited capturing of European Turtle-doves (*Streptopelia turtur*). The validity period of the licence shall be from the 21st April, 2025 until the 4th May, 2025, both days included, from two hours before sunrise until noon. The first six (6) Turtle-doves will be fitted with a satellite-tag and released back into the wild following closure of the Spring hunting season 2025. The remaining Turtle-doves will be reported as part of the national quota for the 2025 Spring hunting season and introduced as stock to the FKNK's captive-breeding project. Authorisation is being granted for the purpose of research to monitor and assess the migratory routes of the specimens fitted with a satellite-tag, and for consanguinity purposes, strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through the satellite tags affixed to the Turtle-doves, shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence, followed by a final report within three (3) months from the date of last transmission of the satellite-tags.

17th April, 2025

No. 611

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the outcome of the meeting of the Malta Ornis Committee held on the 2nd April, 2025, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a) and (d) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the capturing of up to eighteen (18) European Turtle-doves (*Streptopelia turtur*) for the purpose of affixing these specimens with satellite-tags, followed by their immediate release back into the wild. The validity period shall be from the 21st April, 2025 until the 4th May, 2025, both days included, from two hours before sunrise until noon. Authorisation is being granted for the purpose of research to monitor and assess the migratory routes of the specimens fitted with a satellite-tag, strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence, followed by a final report within three (3) months from the date of last transmission of the satellite-tags.

17th April, 2025

Nru. 612

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

Bord tal-Malita Investment Company

NGĦARRFU b'din, illi l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ħatar dawn il-persuni fuq il-Bord tal-Malita Investment Company kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Johan Farrugia

Diretturi
Is-Sur Victor Carachi
Dott. Desirèe Cassar
Is-Sur Miguel Borg
Is-Sa Tania Brown

Is-17 ta' April, 2025

No. 612

MINISTRY FOR SOCIAL AND AFFORDABLE ACCOMMODATION

Malita Investment Company Board

IT is hereby notified that the Minister for Social and Affordable Accomodation has appointed the following members on the Malita Investment Company Board as follows:

Chairperson
Mr Johan Farrugia

Directors
Mr Victor Carachi
Dr Desirèe Cassar
Mr Miguel Borg
Ms Tania Brown

17th April, 2025

Nru. 613

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI 2002 (KIF EMENDAT) (KAP. 445)

Dikjarazzjoni ta' Żoni Arkeoloġiċi ta' Taħt l-Ilma

IS-SOVRINTENDENZA tal-Patrimonju Kulturali qiegħda tiddikjara s-sit imsemmi hawn taħt bħala sit protett, fit-termini tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali 2002 (kif emendat) (Kap. 445), Artikolu 45.

Il-kordinati emendati huma:

Sit	*Fond*	*Pożizzjoni*	*Żona protetta madwar is-sit*
Hawker Hurricane (relitt ta' ajruplan)	70 metru	35° 8470996' N 14° 6177898' E	150 metru

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali teżiġi l-poter tagħha sabiex tassigura l-protezzjoni tas-sit imsemmi, kif provdut mill-Att dwar il-Patrimonju Kulturali 2002 (kif emendat) (Kap. 445) rigward il-patrimonju kulturali.

Aċċess għal dan is-sit imsemmi hawn fuq huwa suġġett għal permess minn (uchu@heritagemalta.org) u (underwater.sch@gov.mt).

Is-17 ta' April, 2025

No. 613

CULTURAL HERITAGE ACT 2002 (AS AMENDED) (CAP. 445)

Declaration of an Archaeological Zone at Sea

THE Superintendence of Cultural Heritage is hereby declaring the hereunder mentioned site as included in the list of protected sites, in terms of the Cultural Heritage Act 2002 (as amended) (Cap. 445), Article 45, as follows:

Coordinates amended as follows:

Site	*Depth*	*Position*	*Area of protection*
Hawker Hurricane (aircraft wreck)	70 metres	35° 8470996' N 14° 6177898' E	150 metres

The Superintendence of Cultural Heritage will exercise its powers to ensure the protection of this site, as provided by the Cultural Heritage Act 2002 (as amended) (Cap. 445) as regards to cultural heritage.

Access to the site mentioned above shall be subject to permission from (uchu@heritagemalta.org) and (underwater.sch@gov.mt).

17th April, 2025

Nru. 614

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Att tal-2025 li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi
Taqsima IV – Att dwar it-Taxxa fuq l-Income

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Dan id-dokument jipprovdi taqsira u informazzjoni dwar l-isfond rigward l-Att tal-2025 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Att Nru IX tal-2025), li jemenda Taqsima IV tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap. 123).

2. Taqsira u l-isfond

a) Tnaqqis fil-Permessi tan-Negozju: Klawsola 12
Il-miżura tipprovdi għal tnaqqis fir-rigward tan-nefqa kapitali mġarrba għall-akkwist ta' permessi tan-negozju, konċessjonijiet jew kirjiet kummerċjali. It-tnaqqis għandu jkun permess biss jekk il-persuna tkun ġarrbet dik l-ispiża matul kummerċ jew negozju.

b) Tnaqqis fil-Miżati tal-Iskola: Klawsola 13
Kif imħabbar fid-diskors tal-Baġit, għandu jiżdied it-tnaqqis massimu għall-miżati tal-iskola mħallsa mill-ġenituri għat-tfal li jattendu skejjel privati (sekondarji, primarji u kindergarten).

c) Aġġustament tar-Rati tat-Taxxa: Klawsola 15(a)
Il-brackets tar-rati tat-taxxa għandhom jitwessgħu għal kull kategorija ta' min iħallas it-taxxa, kif imħabbar fid-diskors tal-Baġit.

d) Artisti: Klawsola 15(b)
Din l-emenda tirrevedi d-dispożizzjonijiet attwali sabiex tiżgura li l-attivitajiet artistiċi jiġu intaxxati b' 7.5% fuq il-profitt nett, milli fuq id-dħul gross.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Dawn l-emendi li ġejjin għandhom jiġu inklużi fl-Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

a) Tnaqqis fil-Permessi tan-Negozju: Klawsola 12
Din il-klawsola se tintroduċi paragrafu ġdid wara l-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

b) Tnaqqis fil-miżati tal-iskola: Klawsola 13
Din il-klawsola temenda l-artikolu 14B tal-att prinċipali billi tissostitwixxi l-paragrafu (b) b'paragrafu ġdid.

ċ) Aġġustament tar-Rati tat-Taxxa: Klawsola 15(a)
Din il-klawsola temenda l-artikolu 56(1) tal-Att prinċipali billi tissostitwixxi s-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-paragrafu (a) b'subparagrafi ġodda.

d) Artisti: Klawsola 15(b)
Din il-klawsola temenda l-artikolu 56(26A) billi tissostitwixxi ċertu kliem.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-finijiet tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Kummentarju

a) Tnaqqis fil-Permessi tan-Negozju: Klawżola 12

Dan il-paragrafu l-ġdid jispeċifika wkoll li t-tnaqqis huwa mifrux fuq massimu ta' 15-il sena jew it-tul tal-kirja/permess, skont liema jkun l-iqsar. It-tnaqqis mhuwiex permess għal akkwisti indefiniti jew fit-tul (aktar minn 15-il sena). Jekk l-assi jiġi ttrasferit, it-tnaqqis mitlub għandu jnaqqas l-ispiża tal-akkwist għall-finijiet tat-taxxa. Ma huwa permess l-ebda tnaqqis għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati. Barra minn hekk, l-ispejjeż għall-estensjoni jew il-modifika ta' permessi, konċessjonijiet, jew kirjiet jistgħu jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet.

b) Tnaqqis tal-Miżati tal-Iskola: Klawżola 13

Skont l-artikolu 14B tal-Att prinċipali, il-ġenituri li jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skejjel privati huma eliġibbli għal tnaqqis. Dan japplika għat-tfal li jattendu skejjel sekondarji u primarji u kindergartens privati. Dan it-tnaqqis se jiżdied.

ċ) Aġġustament tar-rati tat-taxxa: Klawżola 15(a)

L-artikolu 56(1) tal-Att prinċipali jipprovdi r-rata normali ta' taxxa fuq individwi. B'din l-emenda t-tliet kategoriji bażiċi, jiġifieri komputazzjoni waħda, komputazzjoni miżżewġa u komputazzjoni tal-ġenitur huma sostitwiti b'limiti ogħla li jfissru inqas taxxa għal kull kategorija.

Barra minn hekk, il-ġenituri li għandhom il-kustodja ta' jew iħallsu l-manteniment fir-rigward ta' tfal li għandhom inqas minn 18-il sena (jew taħt it-23 sena jekk jirċievu edukazzjoni full-time), jistgħu jibbenefikaw mir-rati tal-ġenituri irrispettivament minn jekk it-tfal humiex impjegati bi qligħ jew le u irrispettivament minn kwalunkwe ammont li jaqilgħu, peress li l-limitu tad-dħul ta' €3,400 qed jitneħħa.

d) Artisti: Klawsola 15(b)

F'dan l-artikolu, ir-rata mnaqqsa ta' 7.5% fuq id-dħul minn attivitajiet artistiċi, kif approvata mill-Kunsill Malti għall-Arti, huwa applikat għad-dħul gross qabel kull tnaqqis. B' din l-emenda, ir-rata mnaqqsa għalhekk issir applikabbli għad-dħul nett u mhux għad-dħul gross.

5. Sezzjonijiet konklużivi

a) Tnaqqis fil-Permessi tan-Negozju: Klawsola 12

Din il-klawsola għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Att li jimplimenta Miżuri tal-estimi.

b) Tnaqqis fil-miżati tal-iskola: Klawsola 13

Din il-klawsola għandha tidħol fis-seħħ mis-sena ta' stima 2026.

ċ) Aġġustament tar-rati tat-taxxa: Klawsola 15(a)

Din il-klawsola għandha tidħol fis-seħħ mis-sena ta' stima 2026.

d) Artisti: Klawsola 15(b)

Din il-klawsola għandha tidħol fis-seħħ mis-sena ta' stima 2026.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku huwa mħeġġeġ jikkuntattja lill-Malta Tax and Customs Administration permezz ta' email fuq (servizz@gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-17 ta' April, 2025

No. 614

MINISTRY FOR FINANCE

Budget Measures Implementation Act 2025
Part IV – Income Tax Act

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

This document provides a summary and background information regarding the Budget Measures Implementation Act, 2025 (Act No. IX of 2025) amending Part IV f the the Income Tax Act (Cap. 123) .

2. Summary and background

a) Business Permit Deduction: Clause 12
The measure provides for a deduction in respect of capital expenditure incurred for acquiring business permits, concessions, or commercial leases. The deduction shall be allowed only if the person has incurred such an expense in the course of a trade or business.

b) School Fees Deduction: Clause 13
As announced in the budget speech, the maximum deduction for school fees paid by parents for children attending private schools (secondary, primary, and kindergarten) shall increase.

c) Tax Rates Adjustment: Clause 15(a)
The tax rate brackets shall be widened for every category of taxpayer, as previously announced in the budget speech.

d) Artists: Clause 15(b)
This amendment revises the current provisions to ensure that artistic activity is taxed at 7.5% on the net profit, rather than on the gross income.

3. Overview of the structure of the instrument

These following amendments shall be included in the Budget Measures Implementation Bill.

a) Business Permit Deduction: Clause 12
This clause will be introducing a new paragraph after paragraph (m) of sub-article (1) of article 14 of the principal Act.

b) School Fees Deduction: Clause 13
This clause amends article 14B of the principal Act by substituting paragraph (b) by a new paragraph.

c) Tax Rates Adjustment: Clause 15(a)
This clause amends article 56(1) of the principal Act by substituting the current sub-paragraphs (i), (ii), (iii), (iv) and (v) of paragraph (a) with new sub-paragraphs.

d) Artists: Clause 15(b)
This clause amends article 56(26A) by substituting certain words.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

4. Commentary

a) Business Permit Deduction: Clause 12

This new paragraph further specifies that the deduction is spread over a maximum of 15 years or the lease/permit duration, whichever is shorter. Deductions are not allowed for indefinite or long-term acquisitions (over 15 years). If the asset is transferred, the deductions already claimed must reduce the cost of acquisition for tax purposes. No deductions are allowed for related-party transactions. Additionally, costs for extending or modifying permits, concessions, or leases are deductible under the same conditions.

b) School Fees Deduction: Clause 13

In accordance with article 14B of the principal Act parents who send their children to private schools are eligible for a deduction. This applies to children attending both secondary and primary schools and private kindergartens. Such deductions will be increased.

c) Tax Rates Adjustment: Clause 15(a)

Article 56(1) of the principal Act provides the normal rate of tax on individuals. With this amendment the three basic categories, namely single computation, married computation and parent computation are replaced by higher thresholds which mean less tax per category.

Moreover, parents who have custody of or pay maintenance in respect of a child who is under 18 (or under 23 if receiving full-time education), can benefit from the parent rates regardless of whether the child is gainfully employed or not and irrespective of any amount earned, as the €3,400 income threshold is being removed.

d) Artists: Clause 15(b)

This article, the reduced rate of 7.5% on income from artistic activities, as approved by Arts Council Malta, is applied to gross income before any deduction. With this amendment, the reduced rate will therefore become applicable to net income and not to gross income.

5. Concluding sections

a) Business Permit Deduction: Clause 12

This clause shall come into force on date of publication of the Budget Measures Implementation Act.

b) School Fees Deduction: Clause 13

This clause shall come into force as from year of assessment 2026.

c) Tax Rates Adjustment: Clause 15(a)

This clause shall come into force as from year of assessment 2026.

d) Artists: Clause 15(b)

This clause shall come into force as from year of assessment 2026.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Malta Tax and Customs Administration via email at (servizz@gov.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

17th April, 2025

Nru. 615

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Att tal-2025 li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi
Artikoli 38 sa' 44 – Taqsima VIII
Emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Permezz tal-Att tal-2025 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Att Nru IX tal-2025), il-Ministru responsabbli għall-finanzi bi qbil mal-Ministru responsabbli għat-trasport u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta emenda Taqsima VIII tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368).

2. Taqsira u l-isfond

Ċertu tifsir kellu bżonn li jiġi inkluż fl-Att prinċipali u tifsir ieħor kellu bżonn jiġi emendat skont id-Direttivi u r-Regolamenti tal-UE. Kjarifiki oħra u emendi żgħar kienu kritiċi għaliex waqt ir-reġistrazzjoni ta' vetturi ċertu tifsir u regolamenti ma kinuxskont ir-Regolamenti tal-UE u għalhekk konna qegħdin naġixxu ultra vires.

Fost it-tifsir inkludejna t-tifsir ta' "Regolament (UE) Nru 167/2013" dwar is-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u ta' "Regolament (UE) Nru 168/2013" dwar is-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli. Inkludejna wkoll l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali fost l-Awtoritajiet regolatorji bħala l-aġenzija responsabbli peress li kienet nieqsa fl-Att prinċipali.

Barra minn hekk, minħabba l-avvanzi teknoloġiċi fil-produzzjoni ta' vetturi tal-kategorija T, tfaċċaw mudelli ġodda ta' tractors agrikoli li jixbhu l-quad bikes (kategorija L) kważi fl-aspetti tekniċi u operazzjonali kollha. B'riżultat ta' dan, tali tractors qegħdin jiġu impurtati ġewwa Malta mhux għall-iskop agrikolu intiż tagħhom iżda sabiex jinstaqu fit-triq bħala quad bikes, biex b'hekk tiġi evitata l-ħlas ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni. Kien għalhekk li tqies li tractors agrikoli (kategorija T) b'veloċità massima skont id-disinn tagħha 'l fuq minn 40 km fis-siegħa għandha tkompli tkun intaxxata bl-istess rata tal-quad bikes. Tractors agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn taħt l-40 km fis-siegħa għandha tkompli tkun eżentata mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni peress li dawn normalment jintużaw esklussivament għal skopijiet agrikoli.

Kjarifika oħra importanti li kien hemm bżonnha fl-Att prinċipali hija t-tifsira ta' pajjiż terz speċjalment peress li r-Renju unit ma għadux aktar parti mill-Unjoni Ewropea.

Kjarifika oħra hija li waqt ir-reġistrazzjoni ta' vettura kkjarifikajna li l-valur tar-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe vettura għal fini ta' kalkolu ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-valur medju fis-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali u diment li l-valur tar-reġistrazzjoni ma għandux fi kwalunkwe każ ikun inqas mill-valur tal-fattura.

Fl-aħħar nett, l-Att emendatorju jipprovdi li kwalunkwe persuna li mingħajr ma tagħmel użu minnha fir-rigward ta' vettura M1 jew motor cycle li tkun ġiet irreġistrata mal-Awtorità għall-użu fit-triq f'Malta biss u esklussivament nhar ta' Ġimgħa

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-finijiet tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

mis-18:00 'il quddiem, is-Sibtijiet, il-Ħdud, festi nazzjonali u festi pubbliċi oħra, tonqos milli żżomm tali vettura M1 jew motor cycle ggaraxxjat fi kwalunkwe ġurnata oħra għandha tkun ħatja ta' reat.

3. Ħarsa Ġenerali tal-istruttura tal-istrument

L-Att emendatorju huwa magħmul minn seba' (7) artikoli u jikkonsistu kif ġej:

Artikolu 38 - Emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.
Artikolu 39 - Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.
Artikolu 40 - Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.
Artikolu 41 - Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.
Artikolu 42 - Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.
Artikolu 43 – Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.
Artikolu 44 - Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

4. Kummentarju

Artikolu 39: Iżid tifsiriet ġodda fl-Att prinċipali kif ukoll jemenda ċertu tifsir sabiex ikun skont id-Direttivi u r-Regolamenti ġodda tal-UE.

Artikolu 40: Jikkjarifika li vettura M1 jew motor cycle li tkun ġiet irreġistrata mal-Awtorità għall-użu fit-triq f'Malta biss u esklussivament nhar ta' Ġimgħa mis-18:00 'il quddiem, is-Sibtijiet, il-Ħdud, festi nazzjonali u festi pubbliċi oħra, għandu jżomm tali vettura M1 jew motor cycle ggaraxxjat fi kwalunkwe ġurnata oħra.

Artikolu 42: Fejn vettura tintuża fit-triq mingħajr il-ħlas tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni, speċjalment pjanċi barranin, l-imsemmija vettura tkun issekwestrata, is-sid għandu jkun responsabbli li jħallas l-ispejjeż u l-penalitajiet amministrattivi li jistgħu jkunu stabbiliti mill-Awtorità. Aħna kkjarifikajna li meta tali vetturi ikunu mikrija f'pajjiż ieħor u użati f'Malta minn residenti Maltin għalhekk ma jkunux jistgħu jiġu reġistrati allura l-vetturi jinħarġu barra minn Malta u jkunu responsabbli li jħallsu penali amministrattiva sabiex joħorġu l-imsemmija vettura barra minn Malta.

Artikolu 43: Jikkjarifika li matul ir-reġistrazzjoni ta' vettura l-valur tar-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe vettura għal fini ta' kalkolu ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-valur medju fis-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali u diment li l-valur tar-reġistrazzjoni ma għandux fi kwalunkwe każ ikun inqas mill-valur tal-fattura.

Artikolu 44: Jipprovdi li quad bikes bil-batterija u, jew tal-elettriku għandhom ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Dan l-Att emendatorju għandu jidħol fis-seħħ malli l-Abbozz jgħaddi mill-istadji parlamentari kollha.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifika dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-emendi ġentilment irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil Transport Malta permezz ta' email fuq (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-17 ta' April, 2025

No. 615

MINISTRY FOR FINANCE

Budget Measures Implementation Act 2025
Articles 38 to 44 – Part VIII
Amendments to the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

By means of the the Budget Measures Implementation Act, 2025 (Act No. IX of 2025), the Minister responsible for finance in concurrence with the Minister responsible for transport and the Authority for Transport in Malta amended Part VIII of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368).

2. Summary and background

Certain definitions were needed to be included in the principal Act and other definitions needed to be amended in line with new EU Directives and Regulations. Other clarifications and slight amendments were critical because during the registration of vehicles certain definitions and regulations were not in line with the EU Regulations and hence we were acting ultra vires.

Amongst the definitions we included the definitions for "Regulation (EU) No 167/2013" related to the surveillance of agricultural and forestry vehicles and "Regulation (EU) No 168/2013" related to surveillance of two- or three-wheel vehicles and quadricycles. We also included the Local Enforcement System Agency amongst the regulatory Authorities as the agency responsible since it was missing in the principal Act.

Furthermore, due to technological advancements in the production of category T vehicles, new models of agricultural tractors have emerged that resemble quad bikes (category L) almost in all technical and operational aspects. As a result, such tractors are being imported into Malta, not for their intended agricultural purpose, but to be driven on the road as quad bikes, thereby avoiding paying registration tax. It was therefore deemed that agricultural tractors (category T) with a maximum design speed above 40 km/hr should be taxed at the same rate of quad bikes. Agricultural tractors with a maximum design speed below 40 km/hr shall continue to be exempted from registration tax, since these are normally exclusively used for agricultural purposes.

Another important clarification which was needed in the principal Act is the definition of a third country especially since the United Kingdom is no longer part of the European Union.

Another clarification is that during the registration of a vehicle we clarified that the registration value of any vehicle for the purpose of calculating the registration tax shall be based on the average market value of identical, equivalent or similar motor vehicles on the international market and provided that the registration value shall not in any event be less than the invoice value.

Finally the amending Act provides that any person who without making use thereof, with regard to an M1 motor vehicle or a motor cycle which has been registered with the Authority for use on the road in Malta solely and exclusively on Friday

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

as from 18:00 onwards, Saturdays, Sundays, national holidays and other public holidays, fails to keep such M1 vehicle or motorcycle garaged on any other day shall also be guilty of an offence.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending Act is made up of seven (7) articles and consist of the following:
Article 38 – Amendments to the Motor Vehicles Registration and Licensing Act.
Article 39 – Amendment of article 2 of the principal Act.
Article 40 – Amendment of article 8 of the principal Act.
Article 41 – Amendment of article 18 of the principal Act.
Article 42 – Amendment of article 21 of the principal Act.
Article 43 – Amendment of article 25 of the principal Act.
Article 44 – Amendment of the Second Schedule to the principal Act.

4. Commentary

Article 39: Adds new definitions to the principal Act as well as amends certain definition in order to be in line with new EU Directives and Regulations.

Article 40: Clarifies that an M1 motor vehicle or a motor cycle which has been registered with the Authority for use on the road in Malta solely and exclusively on Friday as from 18:00 onwards, Saturdays, Sundays, national holidays and other public holidays, has to keep such vehicle or motorcycle garaged on any other days.

Article 42: Where a vehicle is used on the road without payment of the vehicle registration tax, especially foreign plates the said vehicle is impounded, the owner shall be liable to the payment of administrative costs and penalties which may be established by the Authority. We clarified that when such vehicles are especially leased in another country and used in Malta by Maltese residents hence cannot be registered then vehicles will be taken out of Malta and be liable to pay an administrative penalty to take the said vehicle out of Malta.

Article 43: Clarifies that during the registration of a vehicle the registration value of any vehicle for the purpose of calculating the registration tax shall be based on the average market value of identical, equivalent or similar motor vehicles on the international market and provided that the registration value shall not in any event be less than the invoice value.

Article 44: Provides that battery and, or electric quad bikes shall be exempt from the payment of registration tax.

5. Concluding sections

This amending Act shall come into force once the Bill has passed through all the parliamentary stages.

For more information or clarification on the implementation of these amendments, kindly refer your queries to Transport Malta via email on info.tm@transport.gov.mt.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

17th April, 2025

Nru. 616

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

Vol.2/G0134/25: L-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta:

Maqsuma fi tlieta In Pale, lewn id-Deheb , fuq Fess lewn Ikħal iljun passanti lewn Aħmar iżomm In Pale sejf lewn il-Fidda Soude' bil-manku tal-istess lewn (għal Spiteri) , lewn Ikħal fuq bażi Ħadra , siġra bl-għeruq mikxufa ta' lewn Naturali sostnuta minn naħa Sinister minn raġel ta' lewn Naturali liebes ċarruta ma' ħżiemu lewn il-Fidda u li qed iżomm fl-id l-oħra Lanza In Pale lewn id-Deheb u fiċ-Chief tlett stilel ta' sitt ponot lewn id-Deheb Fesswise (għal Debono), lewn Aħmar In Fess żewġ dirgħajn bil-komma lewn il-Fidda jżommu fl-idejn magħqudin f'Fess , ta' lewn Naturali stallett In Pale lewn il-Fidda bil-manku lewn id-Deheb, fiċ-Chief tlett stilel ta' sitt ponot lewn id-Deheb Fesswise u fil-bażi fergħa taż-żebbuġ ta' lewn Naturali (għal Zammit).

Fuq it-tarka hemm elmu li jixraq il-grad tagħha bħala President ta' Malta bid-drappeġġ Aħmar minn fuq u lewn il-Fidda minn taħt u li għandu bħala Kresta girlanda tal-istess ilwien tarka żgħira (escutcheon) ta' lewn Teal,li fuqha hemm tlett arki mrikkba fuq xulxin li jikbru fl-għoli tagħhom minn Dexter għal Sinister lewn id-Deheb.u li tinsab wieqfa fuq bażi mmewġa lewn il-Fidda u Kaħla.

Bħala sostenituri, fuq għolja tal-ħaxix, żewġ iljuni kombattenti lewn id-Deheb b'ilsienhom Aħmar.

Motto: Servire Cum Modestia

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

Is-17 ta' April, 2025

No. 616

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/ registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

Vol.2/G0134/25: Her Excellency Myriam Spiteri Debono, President of Malta:

